ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv għat-tielet sena tal-leġislatura tas-sitt Kunsill Lokali

## Jannar, 2011 - Diċembru, 2011

*Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Sena oħra ta' suċċess. Hekk nirrimarka fuq is-sena li qed jitratta r-Rapport Amministrattiv għaliex il-Kunsill kompla jwettaq ġid għar-residenti kollha tiegħu. Din is-sena tal-Kunsill kienet waħda nteressanti fejn ħejjejna bil-quddiem diversi proġetti li rridu nwettqu sa tmiem il-leġislatura, fejn irridu wkoll naraw li l-wegħdi li saru minn diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali jitwettqu.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtini l-liġi u wettaqna ħidma soċjali bla waqfien sabiex kull familja fiż-Żurrieq tħossha tgħix fl-lokalita li qed tiżviluppa mal-pass tal-progress.

Il-wegħda tagħna għal Żurrieq aħjar inkomplu naħdmu fuqha għaliex dak hu id-dmir tagħna kif ukoll għaliex dejjem hemm il-ħtieġa ta' iktar żvilupp fl-infrastruttura u dejjem aktar aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħna li jridu jintlaħqu.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tiegħu għal ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir.

Silvio Izzi Savona
Sindku
Diċembru 2011

## 2.1 Il-Kunsill

Il-Kunsill kien kompost minn disgħa Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku. Kull wieħed għandu r-responsabilita ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal periti, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Is-sotto kumitat ta' l-Anzjani u Żvilupp Soċjali jipproponi u jassisti lill- Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex jorganizza attivitajiet lill-anzjani u żjarat lill-anzjani fid-djar tal-anzjani. Fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hemm inkorporat Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – c-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Kunsillieri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:
Sindku Silvio Izzi Savona : Servizzi ta' Assistenzi u Benefiċċji Soċjali

Viċi Sindku Charmaine Cristiano Grech: Edukazzjoni, IT u Żgħażagħ

Kunsillier Mario Ellul: nil

Kunsillier Joseph D'Amato: Proġetti Kapitali u Toroq, Ġonna Pubbliċi u mill-Hamlet ta' Bubaqra

Kunsillier Dino Bonnici: kien inkarigat mill-Indafa Pubblika u Ambjent u irtira dan l-inkarigu u talab għal kariga b'funzjoni oħra iżda f'din is-sena ma ingħatax.

Kunsillier Claudio Zammit: Proġetti ta' l-UE, Ġemellaġġi u nfurzar tal-Liġi

Kunsillier Raymond Grixti: Anzjani u persuni b'diżabilita' u MEPA, indafa pubblika u ambjent

Kunsillier Mauro Pace Parascandalo: Kultura

Kunsillier Kenneth Farrugia : Sports, Sistema tat-Traffiku u devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq
**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Mary Aquilina**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 inżammu erbgħatax –il laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skużati | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Silvio Izzi Savona** | 9 | 5 | 0 |
| **Il-Viċi Sindku Charmaine Cristiano Grech** | 9 | 5 | 0 |
| **Il-Kunsillier Mario Ellul** | 5 | 9 | 0 |
| **Il-Kunsillier Joseph D'Amato** | 14 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Dino Bonnici** | 11 | 3 | 0 |
| **Il-Kunsillier Claudio Zammit** | 11 | 3 | 0 |
| **Il-Kunsillier Raymond Grixti** | 14 | 0 | 0 |
| **Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo** | 6 | 8 | 0 |
| **Il-Kunsillier Kenneth Farrugia** | 10 | 4 | 0 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2011 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

83 % mingħand il-Gvern Ċentrali
16% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi
1% mill-Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

12% fl-Honoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
64% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
24% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank ta' €629,029 – imma trid tqis li hemm ammont kbir ta' cheques mhux imsarfa.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi u sinjali u marki tat-traffiku.
- Tindif ta' toroq urbani u mhux urbani, tindif madwar il-BIS, qtugħ ta' ħaxix
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Inxtraw ammont ta' kotba bl-ghajuna minn donazzjoni mogħtija mill-HSBC
- Tkomplew isiru korsijiet tal-ECDL u E tfal mit-TCTC u tagħlim tal-lingwa Ingliża f'Dar Mattia Preti
- Ser ikunu qed jiġu offruti wkoll attivitajiet ġewwa l-iskola taż-Żurrieq bħala parti mill-Klabb 3-16.
- Inxtrat photocopy machine għal-librerija
- Tkomplew jiġu nstallati lampi ornamentali f'toroq partikolari
- Tkomplew jnbidlu fanali minn Ġnien it-Tfal taż-Żurrieq għax dan qed ikun spiss bla dawl minħabba l-ħsara li teżisti. Fis-sena li ġejja hemm il-ħsieb li jitkompla dan il-proġett.
- Qed jitħejja rapport biex inkunu nafu x'hemm bżonn li jitranġa fil-playing fields, sabiex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom.

- Tlesta x-xogħol ta' għeluq tal-wiċċ tas-central strip b'konkos aħdar fi Vjal il-Blue Grotto u ġiet miżbugħa bl-aħdar u imsebbħa bi fjuri.

- Saru diversi laqgħat mat-Transport Malta, fejn il-Kunsill reġa ressaq t-talbiet tal-Kunsill Lokali Żurrieq biex isiru dawk it-toroq ta' mingħajr wiċċ li kienu mwiegħda li jsiru. Din is-sena saru – Triq Fortunato Dalli, Triq Napuljun, Triq it-Tin, Triq Dun Nard Mallia, Triq l-iskulturi Fabri, Triq il-Qiegħa, Triq San Bastjan, Triq ġdida fi Triq San Martin, Triq Kalanġ Buġeja u wiċċ ġdid lill Misraħ Mattia Preti u Triq PP Saydon.

- Ma' Transport Malta saru ukoll diversi laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku, speċjalment fi Vjal ix-Xarolla u Triq Sant Andrija.

- Inħarġet tender biex jibda proġett ta' tisbieħ fi Triq in-Nigret.

- Il Kunsill ħa l-passi neċessarji biex jagħmel bins għall-ħmieġ tal-klieb.

- l-Kunsill applika għall-proġetti 313 u 323 – fondi mill-Unjoni Ewropea fuq żewġ proġetti sabiex isir titjib ambjentali fiż-żoni rurali ta' Ħal-Millieri u fl-istess ħin wieħed jiġbed aktar turiżmu lejn dawn il-postijiet. Il-valur ta' dawn iż-żewġ proġetti jlaħħaq qrib l-€400,000. Dan ix-xogħol beda f'din is-sena u hu maħsub li jkun lest fil-bidu tas-sena 2012.

- Fl-iskema tal-PPP sar ftehim bejn il-Kunsill, il-gvern u l-privat biex fi żmien sena jsiru ċerti toroq li diġa fihom wiċċ pero li jkunu fi stat ħażin. Il-Kunsill għamel talba għal tlettax il-triq. Il-Gvern tana tlieta għal din is-sena li huma : Vjal l-Indipendenza, Triq Gużeppi Mattew Callus u Triq Filippu Farrugia. Ix-xogħol tlesta u għas-sena d-dieħla l-Kunsill ser jerġgħa japplika għal toroq oħra.

- Żdiedu s-siġar fejn kien hemm spazju u fjuri f'ċertu postijiet.

- Saru diversi laqgħat mal-MTA biex bi sħab mal-Kunsill isir proġett ta' tisbieħ fil-Ġnien tal-Ġibjun, dan ix xogħol ippjanat li jibda fis- sena 2012.

- Twaħħlet notice board fi Triq PP Saydon fejn wieħed ikun jista jsegwi l-permessi tal-MEPA.

- Tneħħew ammont ta' sleeping policeman fuq talba tat-Transport Malta biex kollox jiġi regolarizzat u saru refresh ta' ħafna mill-marki tat-toroq

- Sar bexx lis-siġar tal-palm li għadhom mhedda mill-insett Red Palm Weevil.

- Saru diversi laqgħat mat-TM fuq ix-xogħol tat-terminus il-ġdid f'Misraħ Mattia Preti li bis-saħħa tagħhom ingħatha wiċċ ġdid lil Triq P P Saydon u parti minn Triq il-Ħaddiema u anke akkwistajna 6 fanali ġodda għal Pjazza Mattia Preti.

- Ġew organizzati 8 ħarġiet kulturali għall-anzjani Żrieraq u saru wkoll żjarat lill-anzjani fiċ-ċentri ta' matul il-jum/lejl għall-anzjani.

- Ingħatat l-injection tal-influenza lill-anzjani 'l fuq minn 55 sena.

- Saru attivitajiet sportivi fosthom it-13th Half Marathon u l-logħob tal-boċċi fil-pitch ta' Ġnien il-Ġibjun

- Ġiet milqugħa applikazzjoni għal-riġenerazzjoini fil-qasam tal-bini tan-nigret fejn apparti r-riġenerazzjoni fejn għandu x'jaqsam l-ambjent mibni ser ukoll u noffru korsijiet fil lingwi u ICT, attivitajiet sportivi u kulurali u proviżjoni ta' wifi b'xejn għar-residenti ta' dawn l-oqsma - Dan ser jibda din is-sena.

- Bdiet diskussjoni mal-kap tal-iskola sabiex nibdew inizjattiva ta' attivitajiet ġewwa l-iskola wara l-ħin tal-iskola. Din ser tkun provduta l-aktar għal dawk li għandhom bżonn għajnuna soċjali u għal dawk it-tfal li għandhom il-ġenituri jaħdmu wara l-ħin tal-iskola.

- Saret wirja ta' karozzi antiki taħt l-isem Classic Sport Car Club Malta

- Saret wirja mill-Ambaxxata Ċiniża f'Malta fejn damet għaddejja tlett ijiem

- Għal darbtejn f'din is-sena ġiet organizzata dawra bil-Melita Train fejn kien hawn attendenza tajba ħafna min-nies ta' kull eta'.

- Sar servizz ta' Wifi fil-ġonna – Ġnien il-Bennej, Ġnien ta' quddiem l-iskola.

- Wara diversi attivitajiet kulturali u soċjali bejn iż-Żurrieq u Borgo Maggiore, lejn l-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena, 42 ruħ miż-Żurrieq marru għal ġita f'San Marino flimkien mal-organizzaturi,l-kunsilliera Claudio Zammit u Joseph D'Amato. Kienu preżenti ukoll żewġ kunsilliera oħra Charmaine Cristiano Grech u Mario Ellul. Dawn ġew milqugħa tajjeb ħafna mis-Sindku Sergio Nanni u l-kunsill ta' Borgo Maggiore. Din kienet il-qofol tal-ġemellaġġ li hemm bejn iż-Żurrieq u San Marino.

- Ġie stampat materjal ta' promozzjoni dwar iż-Żurrieq biex jitqassam lin-nies tal-bliet li l-Kunsill hu ġemellat magħhom.

- Bejn il-11 u t-12 f'April għadd ta' kunsilli barranin attendew għal konferneza f'Malta organizzata mid-dipartiment għall-Gvern Lokali. Flimkien maż- Zurrieq ipparteċipaw il-Kunsilli ta' Morphou (Ċipru) u Angermunde (Ġermanja).

- Rappreżentanti tal-Kunsill attendew għar-rally annwali li jsir f'Morphou, Ċipru, belt li aħna ġemellati magħha, liema rally jsir kontra l-okkupazzjoni Torka f'Ċipru.

- Il-Kunsill kompla jħaddem il-programm 'Leonardo' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill f'Angermunde fil-Germanja biex jospita studenti Ġermaniżi għal perjodu qasir f'Malta. Din is-sena attendew tlett studenti.

- F'Marzu tliet żgħażagħ Żrieraq flimkien mal-Kunsillier Mario Ellul attendew għal-skambu fil-Polonja flimkien m'għadd ta' żgħażagħ oħra minn pajjiżi Ewropej.

- Intgħażlu żewġ żgħażgħ Żrieraq biex jattendu għal seminar f'Zakopane fil-Polonja fl-aħħar jiem ta' Lulju ta' din is-sena bħala parti mill-programm 'Youth in Action' ta' din is-sena.

- F'Novembru żgħażagħ ipparteċipaw fi program ta' Youth Exchange fil-Cambodia.

- Saret applikkazjoni biex il-Kunsill jieħu fondi sabiex jagħmel żvilupp, itejjeb u jsebbaħ il-ġonna/playingfields tal-lokal. Jekk il-Kunsill jieħu tali fondi jkun jista jlesti l-proġetti sa' Ġunju 2012.

- Saret talba biex il-Kunsill ikun jista jiżviluppa art li tinsab wara l-ġnien tal-ġibjun fin-nigret. Din tkun tista tiġi imnaddfa u żviluppata fi Skate boarding park.

- Saret talba lit-Transport Malta biex issa li saret mill-ġdid Triq il-Belt Valletta, jaraw li jkun hemm iktar sigurta fit-triq, billi jitkomplew il-crash barriers matul it-triq kollha, imma s'issa għadhom ma sarux.

- Sar bdil f'parti mill-ornamenti tal-Milied fi Triq PP Saydon għas-sistema LED u saret installazzjoni ta' metre 3 phase fl-uffiċċju tal-Kunsill.

- Il-Kunsill qed jipprova jiġbed turisti lejn il-Mitħna tax-Xarolla u lejn iż-Żurrieq, filfatt diġa attira xi gruppi ta' turisti li ser ikomplu jiżdiedu matul din is-sena.

- Il-Kunsill ġie assenjat 3 persuni mill-iskema tal-ETC biex jgħinu fix-xogħol tal-Kunsill.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u mifthiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Fl-ewwel ta' Lulju beda jiffunzjona Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 5 membri – Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Annetto Bugeja, Joseph Caruana u Joseph D'Amato.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Annetto Bugeja : Attivitajiet

Il-Membru Joseph Caruana : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

Bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u l-31 ta' Diċembru 2011 inżammu sittax il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skuzati | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Ic-Chairperson Pierre Farrugia** | 16 | 0 | 0 |
| **Il-Viċi Chairperson Maria Schembri** | 15 | 1 | 0 |
| **Il-Membru Annetto Bugeja** | 16 | 0 | 0 |
| **Il-Membru Joseph Caruana** | 16 | 0 | 0 |
| **Il-Membru Joseph D'Amato** | 15 | 1 | 0 |

**Ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. *Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.*
2. *Bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu.*
3. *Saru żewġ areas ta' Bring In Site tal-karti, ħġieġ, plastic.*
4. *Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra.*
5. *Twaħħlu 5 mirja ġodda tat-traffiku fi blind corners biex jitnaqqsu l-aċċidenti tat-traffiku. Dawn kienu kollha approvati mit-Transport Malta.*
6. *Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq. Saret sistema ta' darbtejn fil-ġimgħa li dejjem ikunu l-istess ġranet li huma l-Ġimgħa u s-Sibt.*
7. *Ippublika leaflet għal Bubaqra li joħroġ tlett darbiet fis-sena.*
8. *Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra, nhar ta' Tnejn.*
9. *Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.*
10. *Ġew approvati ħmistax –il permess mit-Transport Malta għal linji gwidi fit-toroq ġodda bħal yellow lines, stop signs u parking bays.*
11. *Zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza.*
12. *Sistema ta' traffic management u parking bays fejn il-kappella ta' Bubaqra.*
13. *Applika mal-Lands għal biċċa art li qiegħda fi Triq Fra Gammari Żammit u li hi mitluqa li taqa' taħt il-gvern biex tiġi f'idejn il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u jiżviluppha f'żona ta' rikrejazzjoni b'għajnuna ta' EUC li huwa kumitat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Hemm ukoll applikazzjoni għand il-MEPA biex jiġu approvati l-pjanti neċessarji. Hemm żviluppi pożittivi ħafna.*
14. *Applika għall-fond ta' €20,000 mingħand il-Ministeru tal-Kunsilli Lokali biex inkomplu intejbu t-toroq taż-żona billi intuhom wiċċ ġdid, dawk it-toroq li jaqgħu taħt il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.*

15. *Tlestew 8 toroq bit-tarmak, bankini ġodda u servizzi, mit-Transport Malta li huma :*

*Triq it-Tin*
*Triq Zaccaria Roncali*
*Triq il-Qiegħa*
*Triq San Bastjan*
*Parti minn Triq ir-Rettur*
*Madwar il-Pjazza ta' Triq Skulturi Fabri u Triq in-Nigret*
*Parti minn Triq Dun Nard Mallia*
*Triq Kalang Saliba*

16. *Sar proġettminn Trasport Malta ta' tisbieħ fi Triq San Martin u l-madwar billi sar twaqqieħ ta' ħajt li kien totalment jaqsam it-triq, sistema ta' bankini u servizzi ġodda, qlugħ ta' arbli minn nofs tad-dawl/telefon/Melita. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għamel tisbieħ mad-dawra kollha u biex isir aktar tisbieh fil-lokal ġew mizruha siġar taż-żebbuġ.*

17. *Restawr ta' l-Istatwa ta' Santa Marija li qiegħda fil-Pjazza ta' Bubaqra bl-għajnuna ta' EUC li huwa kumitat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.*

18. *Sar it-Tieġ Malti b'kollaborazzjoni mall-Ministeru tat-Turiżmu, Ministeru tal-Kunsilli Lokali u l-Għaqda tal-Banda ta' Santa Katerina. Dan sar ġewwa żona ta' Bubaqra għall-ewwel darba.*

19. *Sar tisbieh b'dawl ġdid LED tal-milied fejn il-kappella ta' Santa Marija.*

20. *Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħabba* li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi.

21. *Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikat biss is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina li ser tagħti l-għajnuna biex jiġi organizzat it-tieġ Malti.*

## 3.5 Konklużjoni

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti. F'din is-sena l-popolazzjoni reġgħet żdiedet għal 15,805 ruħ.*

*In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa u l-manutenzjoni tat-toroq għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.*

*Għal din is-sena l-Kunsill Lokali kellu waħda mill-impjegati taħdem fuq bażi ta' tele-working u fis-sena li ġejja minħabba li impjegata oħra ser tieħu l-maternety leave u leave akkumulat minn din is-sena, ser ikun hemm il-bżonn li l-impjegata li taħdem fuq bażi full time tagħmel xogħol b'overtime biex jitlaħħaq ix-xogħol meħtieġ.*

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv
Jannar, 2012

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (Euro) | ACTUAL 2011 (Euro) | BUDGET 2012 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 991,035.00 | 660,560.00 | 1,236,408.00 | 245,373.00 | 575,848.00 |
| 0020 | Bye-laws | 58,000.00 | 126,798.00 | 97,000.00 | 39,000.00 | (29,798.00) |
| 0090 | Investment | 6,800.00 | 5,515.00 | 5,000.00 | (1,800.00) | (515.00) |
| 0100 | General | 0.00 | 1,500.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 1,500.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **794,373.00** | **1,341,408.00** | **285,573.00** | **547,035.00** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 115,027.00 | 107,779.00 | 109,885.00 | (5,142.00) | 2,106.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 487,096.00 | 571,663.00 | 576,295.00 | 89,199.00 | 4,632.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 453,712.00 | 210,855.00 | 655,044.00 | 201,332.00 | 444,189.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **890,297.00** | **1,341,224.00** | **450,927.00** | **450,927.00** |
| | **Balance** | **0.00** | **(95,924.00)** | **184.00** | **184.00** | **96,108.00** |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2011 (Euro) | b<br>ACTUAL 2011 (Euro) | c<br>BUDGET 2012 (Euro) | c-a<br>VAR BUD-BUD (Euro) | c-b<br>VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 660,683.00 | 660,560.00 | 721,889.00 | 61,206.00 | 61,329.00 |
| 0002 | Supplementary | | | | | |
| 0003 | Special needs | 330,052.00 | | 514,519.00 | 184,467.00 | 514,519.00 |
| 0004 | Public/government entities | 300.00 | | | | |
| 0015 | Other | | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **991,035.00** | **660,560.00** | **1,236,408.00** | **245,373.00** | **575,848.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 14,000.00 | 56,360.00 | 47,000.00 | 33,000.00 | (9,360.00) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 40,000.00 | 41,650.00 | 45,000.00 | 5,000.00 | 3,350.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | | |
| 110 | Donations Receivable | | | | | |
| 0066 | General | 4,000.00 | 28,638.00 | 5,000.00 | 1,000.00 | (23,638.00) |
| | | **58,000.00** | **126,648.00** | **97,000.00** | **39,000.00** | **(29,648.00)** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 6,800.00 | 5,515.00 | 5,000.00 | (1,800.00) | (515.00) |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **6,800.00** | **5,515.00** | **5,000.00** | **(1,800.00)** | **(515.00)** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | 1,500.00 | 3,000.00 | | |
| 0120 | Contributions | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **0.00** | **1,500.00** | **3,000.00** | **3,000.00** | **1,500.00** |
| | **TOTAL** | **1,055,835.00** | **794,223.00** | **1,341,408.00** | **285,573.00** | **547,185.00** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2011 (Euro) | ACTUAL 2011 (Euro) | BUDGET 2012 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 13,780.00 | 7,637.00 | 8,000.00 | (5,780.00) | 363.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 73,000.00 | 73,817.00 | 73,000.00 | 0.00 | (817.00) |
| 1300 | Bonuses | 7,285.00 | 7,284.00 | 7,285.00 | 0.00 | 1.00 |
| 1400 | Income supplements | | | | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 6,222.00 | 6,802.00 | 6,900.00 | 678.00 | 98.00 |
| 1600 | Allowances | 12,740.00 | 10,371.00 | 12,700.00 | (40.00) | 2,329.00 |
| 1700 | Overtime | 2,000.00 | 1,869.00 | 2,000.00 | 0.00 | 131.00 |
| | | **115,027.00** | **107,780.00** | **109,885.00** | **(5,142.00)** | **2,105.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 10,000.00 | 26,408.00 | 8,000.00 | (2,000.00) | (18,408.00) |
| 2200 | Materials and supplies | 2,000.00 | 1,429.00 | 2,000.00 | 0.00 | 571.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 100,200.00 | 112,788.00 | 92,500.00 | (7,700.00) | (20,288.00) |
| 2400 | Rent | 7,400.00 | 5,928.00 | 6,200.00 | (1,200.00) | 272.00 |
| 2500 | International memberships | 400.00 | 9,151.00 | 1,000.00 | 600.00 | (8,151.00) |
| 2600 | Office services | 6,596.00 | 10,614.00 | 6,000.00 | (596.00) | (4,614.00) |
| 2700 | Transport | 700.00 | 1,399.00 | 2,000.00 | 1,300.00 | 601.00 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,500.00 | 646.00 | 3,500.00 | 0.00 | 2,854.00 |
| 2900 | Information services | 6,500.00 | 4,860.00 | 4,800.00 | (1,700.00) | (60.00) |
| 3000 | Contractual services | 271,500.00 | 290,320.00 | 292,110.00 | 20,610.00 | 1,790.00 |
| 3100 | Professional services | 31,000.00 | 25,128.00 | 16,800.00 | (14,200.00) | (8,328.00) |
| 3200 | Training | 150.00 | 0.00 | 1,500.00 | 1,350.00 | 1,500.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 30,150.00 | 67,230.00 | 25,000.00 | (5,150.00) | (42,230.00) |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 17,000.00 | 15,762.00 | 5,000.00 | (12,000.00) | (10,762.00) |
| 8000 | Depreciation | | | | | 0.00 |
| | | **487,096.00** | **571,663.00** | **466,410.00** | **(20,686.00)** | **(105,253.00)** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 6,750.00 | 11,479.00 | 7,220.00 | 470.00 | (4,259.00) |
| 7300 | Equipment | 23,000.00 | 2,748.00 | 1,000.00 | (22,000.00) | (1,748.00) |
| 7500 | Special programmes | 423962.00 | 196628.00 | 646824.00 | 222,862.00 | 450,196.00 |
| | | **453,712.00** | **210,855.00** | **655,044.00** | **201,332.00** | **444,189.00** |
| | **TOTAL** | **1,055,835.00** | **890,298.00** | **1,231,339.00** | **175,504.00** | **341,041.00** |

## 5.1 Kontijiet tas-Savings

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 784057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **113,309.07** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **113,309.07** |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **6,194.69** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **6,194.69** |

### 5.1.3 Kont tas-Savings – APS – 12418510017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **9.82** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **9.82** |

## 5.2 Kontijiet Kurrenti

### 5.2.1 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **(17,576.14)** |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(17,576.14)** |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

### 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **64,655.58** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **64,655.58** |

### 5.2.3 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692401

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **0.15** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **0.15** |

## 5.3 Kontijiet Fissi

### 5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **203,000** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **203,000** |

## 5.4 Kontijiet Kurrenti Reserved

### 5.4.1 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40011321000

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **12,038.69** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **12,038.69** |
| | |

## 5.4.2 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40014856831

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 4,280.04 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 4,280.04 |
| | |

## 5.4.23kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra – BOV – 78057692002

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 46,253.65 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 46,253.65 |
| | |

## Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni | 93.49 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| Bilanċ Nett | 93.49 |
| | |

## 5.3.4 Kont Savings BOV – Measure 313 40019290476

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 84866.50 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 84866.50 |

### 5.3.5 ont Savings BOV – Measure 323 40019290463

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 94494.07 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2011 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 94494.07 |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## *6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji*

*Fil-paġni segwenti jinstabu r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*